# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 74/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**AP**

**u**

**RV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt guramentat ta' AP u RV, datat 11 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq, li jghid hekk:

*Illi l-esponenti zzewgu fit-30 ta' Settembru 1989, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A ;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal KP illi twieldet fil-X, u ghalhekk illum ghandha X sena, RP li twieldet fl-Y u ghalhekk illum ghandha Y sena u BP illi twieled fl-Z u illum huwa l-uniku wild minorenni stante li ghad ghandu Z-il sena.*

*Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament huma ilhom ufficjalment separati sa mis-6 ta' Lulju 2004, u dan kif indikat mill-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat Dok.B, b'dan illi huwa sodissfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 66B(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Illi llum-il gurnata, il-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u effettivament iz-zewg partijiet ghandhom relazzjoni ma' terzi persuni, u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Illi skont il-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali taghhom (Dok. B), is-Sur P kien obbliga ruhu illi jhallas lill-esponenti manteniment ghal uliedu u ghas-Sa V liema hlasijiet dejjem saru u ghadhom isiru b'mod puntwali ;*

*Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat nhar it-30 ta' Settembru 1989, ai termini tal-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AP** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Settembru 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-6 ta' Lulju 2004 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, ghalkemm illum il-gurnata wiehed minn uliedhom biss ghadu minorenni. Spjega illi m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RV** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkorobora ix-xhieda ta' AP.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom,***

*kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Settembru 1989 (vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett wlied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Erika Vella, datat 6 ta' Lulju 2004 (vide Dok.B 4 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**